Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,076, 23 ta' Marzu, 2001
Taqsima B

A.L. 60 ta' l-2001

ATT TA' L-2001 DWAR IS-SIGUREZZA TAL-PRODOTTI (ATT NRU. V TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2001 dwar Prodotti ta' l-Asbestos (Twaħħil ta' Tikketti)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtijin minn Artiklu 38 ta' l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti, il-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi, fuq il-parir ta' l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*, għamel ir-regolamenti li ġejjin;-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1 It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 dwar Prodotti ta' l-Asbestos (Twaħħil ta' Tikketti).

1.2 Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 2001.

Applikabilità

2.1 Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għat-twaħħil ta' tikketti fuq prodotti li fihom il-fibri ta' asbestos li ġejjin:

(a) kroċidolit, Numru CAS 12001-28-4;

(b) amosit, Numru CAS 12172-73-5;

(ċ) asbestos antofillit, Numru CAS 77536-67-5;

(d) asbestos aktinolit, Numru CAS 77536-66-4;

(e) asbestos tremolit, Numru CAS 77536-68-6;

(f) krisotil, Numru CAS 12001-29-5.

Twaħħil ta' tikketti fuq prodotti ta' l-asbestos.

3.1 Kull prodott li fih l-asbestos jew l-ippakkjar tiegħu għandu jkollu t-tikketta kif definit hawn taħt:

3.1.1 It-tikketta, li trid tikkonforma mal-kampjun mogħti fl-Iskeda, għandha tkun mill-inqas 5 ċm għolja (H) u 2.5 ċm wiesgħa;

3.1.2 It-tikketta għandha tkun magħmula minn żewġ partijiet:

– il-parti ta' fuq (h1 = 40 % H) għandu jkun fiha l-ittra ta' bl-abjad fuq sfond iswed,

– il-parti t'isfel (h2 = 60 % H) għandu jkun fiha d-diċitura standard bl-abjad u jew iswed, fuq sfond aħmar, u għandha tkun tinqara tajjeb.

3.1.3 Jekk il-prodott ikollu l-kroċidolit, il-kliem "fih l-asbestos" that fid-diċitura standard għandu jinbidel u jsir "fih kroċidolit/asbestos blu".

3.1.4 Fil-każ ta' tikketti li jkunu stampati direttament fuq il-prodotti, ikun biżżejjed kulur wieħed li jikkuntrasta mal-kulur fl-isfond.

3.2 It-tikketta msemmija f'regolament 3.1.1 għandha titwaħħal skond ir-regoli li ġejjin:

3.2.1 fuq kull waħda mill-iżgħar unitajiet fornuti;

3.2.2 jekk prodott għandu komponenti b'bażi ta' asbestos, ikun biżżejjed li t-tikketta titwaħħal fuq dawn il-komponenti biss. It-twaħħil ta' tikketti jista' jkun eżentat jekk, minħabba ċ-ċokon jew għaliex l-ippakkjar ma jkunx adattat, ma jkunx possibbli li titwaħħal tikketta mal-komponent.

Twaħħil ta' tikketti fuq prodotti ppakkjati li fihom l-asbestos.

3.3 Il-partikolaritajiet li ġejjin għandhom jidhru b'mod li jinqara tajjeb u li ma jitħassarx fuq l-ippakkjar ta' prodotti ppakkjati li fihom l-asbestos:

3.3.1 is-simbolu u indikazzjonijiet rilevanti ta' perikolu skond l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

3.3.2 struzzjonijiet ta' sigurezza li jingħażlu skond il-partikolaritajiet ta' regolament 4, sakemm dawn ikunu rilevanti għall-prodott partikolari.

3.4 Meta fuq l-ippakkjar tingħata informazzjoni għal sigurezza addizzjonali, dan m'għandu la jdgħajjef lanqas imur kontra l-partikolaritajiet mogħtija skond ir-regolamenti 3.3.1 u 3.3.2.

3.5 Twaħħil ta' tikketti skond regolament 3.3 għandu jsir permezz ta':

– tikketta mwaħħla tajjeb ma' l-ippakkjar, jew

– tikketta (marbuta) mwaħħla tajjeb mal-pakkett, jew

– stampar dirett fuq l-ippakkjar.

3.6 Prodotti li fihom l-asbestos u li huma ppakkjati biss f'materjal tat-tgeżwir tal-plastik laxk jew f'xi ħaġa simili għandhom jitqiesu bħala prodotti ippakkjati u għandha titwaħħlilhom tikketta skond regolament 3.5. Jekk il-prodotti huma mifrudin minn pakketti bhal dawk u jitqiegħdu fis-suq mhux ippakkjati, kull waħda mill-unitajiet fornuti għandu jkollha magħha tikketta bil-partikolaritajiet skond regolament 3.3.

Twaħħil ta' tikketti fuq prodotti mhux ippakkjati li fihom l-asbestos.

3.7 Fil-każ ta' prodotti mhux ippakkjati li fihom l-asbestos, it-twaħħil ta' tikketti skond regolament 3.3 għandu jsir permezz ta':

– tikketta mwaħħla tajjeb mal-prodott li fih l-asbestos, jew

– tikketta (marbuta) mwaħħla tajjeb mal-prodott, jew

– stampar dirett fuq l-ippakkjar,

jew, jekk dak imsemmi hawn aktar qabel imsemmi ma jkunx prattiku, minħabba, per ezempju, ċ-ċokon tal-prodott, ix-xorta mhux adatta tal-proprjetajiet tal-prodott jew ċerti diffikultajiet tekniċi, permezz ta' volantin bit-taghrif tat-tikketta skond regolament 3.3.

Struzzjonijiet dwar sigurezza.

4. Bla ħsara għal provvedimenti oħra dwar sigurtà u iġjene fuq ix-xogħol, it-tikketta mwaħħla mal-prodott li jista', fil-kuntest ta' l-użu tiegħu, ikun ipproċessat jew lest, għandu jkollha magħha dawk l-istruzzjonijiet dwar sigurezza li jistgħu jkunu adegwati għall-prodott involut, u b'mod partikolari dan li ġej:

– aħdem bih, jekk possibbli, fil-berah jew f'post ivventilat tajjeb,

– uża, preferibilment, għodod ta' l-idejn jew għodod ta' veloċità baxxa mgħammra, jekk jenħtieġ, b'faċilità apposta biex tiġbed it-trab. Jekk jintużaw għodod ta' veloċità qawwija, dawn għandhom dejjem ikunu mgħammra b'faċilità bħal dik,

– jekk hu possibbli, niddi qabel tuża jew ittaqqab,

– bexxex it-trab u qiegħdu f'reċipjent magħluq tajjeb u armih b'mod sigur.

5. It-twaħħil ta' tikketti fuq xi prodott maħsub għal użu domestiku li m'hux kopert minn regolament 4 hawn fuq u li x'aktarx, waqt li jkun qed jintuża, jitfa' fibri ta' l-asbestos għandu jkollu, jekk ikun meħtieġ, l-istruzzjoni ta' sigurezza li ġejja: "ibdel meta jittiekel".

Ħtiġiet lingwistiċi.

6. It-tikkettjar fuq prodotti li jkun fihom l-asbestos għandu jsir mill-inqas f'wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' Malta.

Ħassar l-A.L. 10 ta' l-1986.

7. L-Ordni ta' l-1986 dwar Katusi ta' l-Asbestos Siment għall-Bini u Sanitarji huwa b'dan imħassar.

Skeda

Tikketta li għandha tintuża għal prodotti ta' l-asbestos